# Tribunal Industrijali

# Deċiżjoni Numru 2971

# 9 ta' Frar 2024

# Chariman: Sur James Pearsall

**Każ Nru. 4059/JHP**

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

Fahmi Bouzayen (KI 212117 A)

u

Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

Appell Inferjuri Numru 43/2023 LM
**Fahmi Bouzayen (K.I. nru. 212117(A))**
*('ir-rikorrent')*
*vs.*
**Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)**
*(l-Intimata')*

<u>**Deċiżjoni:**</u>

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-appell tas-soċjetà ntimata limitatament billi tilqa' l-aggravju tagħha, iżda tordna li jintbagħtu l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti motivazzjoni xierqa ta' kif wasal għall-ammont ta' kumpens likwidat minnu, tiddikjara rritu u null l-appell inċidentali tar-rikorrent u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.
L-ispejjeż tal-appell tas-soċjetà intimata u dawk tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

Illum: 24 ta'Jannar 2024.

**<u>Tribunal Industrijali:</u>**

**Illum: 9 ta' Frar 2024**

Wara d-deċiżjoni kif mgħotija mill-Qorti ta' l-Appell, it-Tribunal Industrijali qiegħed jottempra ruħu mat-talba ta' l-istess Qorti fejn it-Tribunal qiegħed jagħti il-motivazzjoni tiegħu ta' kif wasal għal ammont ta' kumpens likwidat minnu.

**Motivazzjoni:**
It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu sabiex jasal għal kumpens ġust u ekwu ħares lejn il-parti fejn tmiss it-tkeċċija inġusta u l-parti l-oħra għal dak li huma danni reali u telfien li bata ir-rikorrent

Rif Art 81 sub art (2a)
[*"Iżda, meta jistabbilixi l-ammont ta'dak il-kumpens it-Tribunal għandu* ***jqis id-danni reali u telfien*** *li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta* ***kif ukoll ċirkustanzi oħra****, inklużi l-eta u snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal ta'l-impieg ta' dak il-ħaddiem"*] .

It-Tribunal Industrijali fill-konsiderazzjonijiet tiegħu kif riferuti fid-deċiżjoni, it-terminazzjoni kienet waħda pre-meditata u marbuta ma rikatt fuq ir-rikorrent, meta dan kien wieħed bieżel u ħabrieki. Ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata stess stqarr li kieku ma seħħx l-inċident fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta dmirijietu, is-soċjetà kienet iżommu fl-impieg.

It-Tribunal ma setax jifhem kif talba mir-rikorrenti, għal kumpens minħabba il-korriment li ġarrab wara li weġġa, kellha tiġi miżmuma l-applikazzjoni tal-permess tar-residenza tar-rikorrent minn naħa tas-soċjetà intimata, li b'riżultat ta' dan ir-rikorrenti tilef il-permess tax-xogħol fil pajjiż u li b'kaġun t'hekk ġie mchahhad mill-permess ta' residenza u fl-istess waqt itterminat mill-impieg tiegħu.

It-Tribunal Industrijali ikkunsidra li, għax ir-rikorrent weġġa fuq il-post tax-xogħol u ma għamel l-ebda azzjoni malinna kontra l-kumpanija, tiġi użata l-okkażjoni tal-permess tar-residenza għar-rikorrent, sabiex tagħmel dak li bl-ingliz jgħidulu "arms twisting". Dan kollu sar sabiex is-soċjetà intimata teżonora ruħha minn kull responsabiltà ta' xi riperkussjonijiet li setgħu jirriżultaw minn dan l-inċident.

It-Tribunal ra li l-fatt kontributorju li wassal għat-terminazzjoni mill-impieg seħħ minn naħa tas-soċjetà intimata, u mhux minn naħa tar-rikorrenti, u jemmen li ir-rikorrent kien qiegħed jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex jibqa' fil-post tax-xogħol.

**Apporzjonament tal-kumpens:**

**L-ewwel parti** tal-kumpens, gie relatat speċifikament għal dik li hija tkeċċija nġusta li kienet waħda mitqiesa fuq livell għoli ta' inġustizzja, dan jammonta għal għaxar t'elef (10.000) euro.

**It-tieni parti** tal-kumpens ngħatat kemm għat telf ta' danni reali u telfien finanzjarju li irriżultaw ghall-perjodu tan-nuqqas ta' xogħol kif ukoll spejjez minħabba ***"ċirkustanzi oħra",*** (e.z) it-telfien tal-permess tar-residenza u dak tax-xogħol ġewwa Malta, kif ukoll għal spejjez li kellu jagħmel ir-rikorrenti sabiex jittrasloka ruħu kemm hu u l-familja tiegħu barra mill-pajjiż, f-ċirkustanzi fejn il-mara tiegħu kienet waslet biex twelled.
Li kieku inzamm fil-post tax-xoghol kemm is-salarju u il beneficcji ma kienx jitlifhom, kif ukoll spejjez ohra (re traslokar) li ma kienx ikollu bzonn jaghmilhom. Għaldaqstant It-Tribunal apporzjona is-somma ta' ħames (5) t'elef euro.

B'hekk il-kumpens totali ammonta għal ħmistax (15,000) elf euro.

**(iffirmat)**
**James Pearsall**
**Chairperson** **Vera Kopja**

**Graziella Borg**
**Għas- Segretarju**